MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 908/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Saviour u Marlene mizzewgin Falzon (I.D. Nri. 53666M u 299570M)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-<u>rikors guramentat</u> prezentat fl-<u>10 ta` Settembru 2008</u> li jaqra :-

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi datat fis-26 ta` Gunju 2003 (DOK A) kif ukoll permezz ta` skrittura privata DOK B datata fil-15 ta` Dicembru 2004 is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Saviour u Marlene mizzewgin Falzon ;*

*2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta` Saviour u Marlene mizzewgin Falzon fis-somma ta` mitejn u tlieta u erbghin elf, seba` mija u sitta u erbghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€243,746.43) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta` Saviour u Marlene mizzewgin Falzon mal-Bank of Valletta p.l.c. (DOK C1 sa C6 u D1 sa D3) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mis-27 ta` Awissu 2008 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument A u B) partikolarment imma mhux esklussivament billi Saviour u Marlene mizzewgin Falzon :*

*a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` attrici kif stipulati fl-imsemmija kuntratt u skrittura ;*

*b) kienu nadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati ; u/jew*

*c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Saviour u Marlene mizzewgin Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici ;*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;*

*5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta` ittra ufficjali datata fit-3 ta` Marzu 2008 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata DOK E sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu nadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Saviour u Marlene mizzewgin Falzon (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Saviour u Marlene mizzewgin Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici;*

*2. Tikkundanna lil Saviour u Marlene mizzewgin Falzon jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u tlieta u erbghin elf, seba` mija u sitta u erbghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€243,746.43) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta` Saviour u Marlene mizzewgin Falzon mal-Bank of Valletta plc (DOK C1 sa C6 u D1 sa D3) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mis-27 ta` Awissu 2008 sad-data ta` l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata fit-3 ta` Marzu 2008 u tal-Mandat ta` Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-bank attur, u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Marlene Falzon – legalment separata minn zewgha l-konvenut l-iehor Saviour Falzon – prezentata fil-21 ta` Novembru 2008 li taqra hekk :-

*1. Illi l-konvenuta titlob li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju f`dawn il-proceduri bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante li l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;*

*2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda kollha stante ukoll minhabba illi l-konvenuta Marlene Falzon qatt ma ffirmat l-kuntratti hekk esebiti (Dok A u B) mis-socjeta` attrici ;*

*3. Illi anke jekk ghall-grazzja ta` argument, dato ma non concesso, il-konvenuta kienet iffirmat xi tip ta` skrittura dan zgur sar b`qerq min-naha tar-ragel taghha peress illi anki kif jidher mid-dokument anness (DOK MF 1 iffirmat 16 ta` Ottubru 2004) l-konjugi Falzon kienu qeghdin jghaddu minn problemi serji familjari, f`dak iz-zmien li allegatament giet iffirmata l-iskrittura DOK B (15 ta` Dicembru 2004) u fil-fatt l-konvenuta kienet gia legalment separata minn mar-ragel taghha u ghal dawn ir-ragunijiet l-konvenuta mhix il-legittima kontradittur fil-proceduri odjerni u l-konvenuta m`ghandhiex titqies bhala debitur in solidum mar-ragel taghha stante r-ragunijiet fuq spjegati u kif se jirrizulta anki fit-trattazzjoni tal-kawza ;*

*4. Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal dejjem skont l-istess kuntratt ta` separazzjoni (DOK MF1) huwa r-ragel li obbliga ruhu li jhallas kwalunkwe dejn li seta` kien hemm u ghalhekk anke id-dejn allegatament dovut lis-socjeta` attrici kif spjegat f`DOK A u DOK B kellu/ghandu jithallas esklussivament mir-ragel ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju l-konvenuta ma tistax tifhem kif is-socjeta` attrici waslet ghall-ammont mitlub stante li anki d-dokumenti pprezentati (DOK A u B) l-ammonti ma jaqblux ma` xulxin u anki fl-istess DOK B jidher li hemm diskrepanza ghall-ammont mitlub u ghalhekk l-istess DOK A u B ma jispjegawx kif is-socjeta` attrici waslet ghall-ammont hekk mitlub fir-rikors guramentat taghha. Illi ghalhekk anki jekk ghal grazzja ta` l-argument hemm xi ammont dovut dan ghad irid jigi likwidat b`mod siwi ghaliex id-dokumenti kollha u l-ammonti mnissla fihom ma jaqblux ma` xulxin. Inoltre sta ghas-socjeta` attrici tipprova kif u f`liema kwantu dawn l-ammonti huma dovuti ;*

*6. Salv kull eccezzjoni ulterjuri permessi mil-ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici u b`riserva ghal kull azzjoni ulterjuri permessa bil-ligi u spettanti lill-konvenuta.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta Marlene Falzon li kienet annessa mar-risposta guramentata, il-lista tal-persuni li ndikat bhala xhieda, u l-elenku ta` dokumenti li pprezentat.

Rat illi ghalkemm il-konvenut Saviour Falzon kien debitament notifikat bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, huwa ghazel illi ma jipprezentax risposta guramentata. (ara l-verbal tas-seduta tad-29 ta` Settembru 2009 – fol 56).

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta` Novembru 2009.

Rat in-nota ta` referenzi li pprezenta l-bank attur fil-11 ta` Novembru 2009 dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta Marlene Falzon.

Rat is-sentenza parzjali li tat din il-Qorti fit-30 ta` Novembru 2009 (fol 62 et seq) fejn, ghar-ragunijiet moghtija, ordnat is-soprasessjoni tal-kawza, tat lill-konvenuta zmien perentorju ta` xahar mid-data tas-sentenza sabiex – jekk jidhrilha – tiddeduci quddiem il-qorti kompetenti l-apposita azzjoni fit-termini minnha esposti u allegati fit-tielet eccezzjoni, u halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli wara li jsir rikors mill-partijiet jew min minnhom fi zmien perentorju ta` xahar jekk it-terminu prefiss moghti lill-konvenuta Marlene Falzon ighaddi nutilment jew fi zmien perentorju ta` xahar mid-data li l-kawza li tigi proposta mill-konvenuta Marlene Falzon tghaddi in gudikat.

Rat id-digriet li tat fl-4 ta` Dicembru 2014 fejn, wara li sabet illi kienu aderiti t-termini tad-decizjoni parzjali taghha tat-30 ta` Novembru 2009, irriappuntat il-kawza, wara rikors tal-bank attur tat-2 ta` Dicembru 2014. Fir-rikors, il-bank attur informa l-Qorti illi l-kawza fl-ismijiet *Marlene Falzon vs Saviour Falzon et : Rik. Gur. Nru. 1273/2009* kienet deciza kontra l-attrici fl-ewwel istanza, u li ghalkemm kienet appellata mill-istess Marlene Falzon, marret dezerta quddiem il-Qorti tal-Appell fit-18 ta` Novembru 2014.

Rat illi b`digriet tat-12 ta` Dicembru 2014, irriappuntat il-kawza ghas-seduta tat-22 ta` Dicembru 2015 fid-9.00 a.m.

Rat illi l-avviz tar-riappuntament tal-kawza kien debitament notifikat skond il-ligi liz-zewg konvenuti – ara tergo ta` fol 87 fil-kaz tal-konvenuta Marlene Falzon, u l-atti ta` wara fil-kaz tal-konvenut Saviour Falzon.

Rat illi l-konvenuti baqghu ma dehru ghall-ebda udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Rose Cortis ghal Bank of Valletta plc fl-udjenza tas-26 ta` Mejju 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* ghal-lum.

Rat in-nota li pprezenta l-bank attur fit-3 ta` Gunju 2015, flimkien mad-dokument li kien anness.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

*In limine litis* id-dokumenti li pprezenta l-bank attur, u li jsostnu t-talbiet, kienu kkonfermati bil-gurament mill-P.L. Francesca Scerri li ghan-nom tal-bank ipprezentat ir-rikors guramentat.

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, Rose Cortis, impjegata ohra tal-bank attur, xehdet li mill-ammont kapitali baqa` ma thallasx xejn u ghalhekk l-imghax kompla jinkrementa.

In segwitu ghad-depozizzjoni ta` Rose Cortis, il-bank attur ipprezenta nota b`dokument fejn irrileva li fil-21 ta` Ottubru 2013, il-bank kien thallas - minn flus provenjenti minn bejgh u mil-likwidazzjoni ta` poloz ta` assikurazzjoni – ammont komplessiv ta` €14,795.98 (€6,215.66 + €7,591.93 + €988.39). Dawn il-flus marru sabiex thallas parti mill-imghax li kompla jizdied.

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti li gab il-bank bhala prova, senjatament dawk li jittrattaw konteggi, u fil-fehma konsiderata taghha, ladarba mill-kapital

ma thallas xejn, u ladarba bil-pagamenti li saru fil-mori tal-kawza kien effettwat biss il-quantum tal-imghax, it-talbiet attrici jibqghu ntatti. Del resto, diga` rrizulta li l-bank attur aggusta r-records tieghu billi rregistra l-hlas li rcieva u li nqata` mill-imghax akkumulat.

Tirrileva wkoll illi mill-atti mhux jirrizultaw id-diskrepanzi li lmentat dwarhom Marlene Falzon fil-hames eccezzjoni.

Il-Qorti ssib illi l-pretensjonijiet tal-bank attur huma ben fondati, u mhumiex fattwalment u legalment kontradetti mill-konvenuti specjalment mill-konvenuta Marlene Falzon.

Ir-risposta guramentata wahedha ta` Marlene Falzon minghajr iz-zieda ta` xejn aktar mhijiex bizzejjed biex tikkontradici l-pretensjonijiet dokumentati u guramentati tal-bank attur.

Il-provi li gab il-bank attur fil-preponderanza tal-probabilitajiet inisslu fil-Qorti c-certezza morali illi t-talbiet attrici huma debitament ppruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Finalment il-Qorti taghmel ukoll konsiderazzjoni oggettiva illi wara li mill-udjenza tas-26 ta` Mejju 2015 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum *in difett ta` ostakolu,* il-konvenuti – specjalment Marlene Falzon – ma ressqu l-ebda talba biex il-Qorti ma taghtix din is-sentenza.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenut Saviour Falzon, u filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marlene Falzon, tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti kontra l-konvenuti, bl-imghax kif mitlub, u bil-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tal-ispejjez kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------